

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq in-nuqqas tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura formali ta' eżami skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Proċedurali (<sup>1</sup>), minkejja d-dubji mqajma dwar il-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu ta' remunerazzjoni ta' kapaċità (CRM), applikat għall-gżira kollha, mal-għajnuna tal-istat u mar-regoli tas-suq intern, u għalhekk ċaħħdet lir-rikorrenti mid-drittijiet proċedurali tagħha. Dan il-motiv huwa maqsum f'erba' partijiet:

- L-ewwel parti tirreferi għall-eżistenza ta' diffikultajiet serji attestati bit-tul u biċ-ċirkustanzi tal-proċedura;
- it-tieni parti tallega li l-Kummissjoni kellu jkollha dubji dwar il-konformità tal-mekkaniżmu ta' finanzjament taċ-CRM mat-TFUE;
- it-tielet parti tallega li l-Kummissjoni kellu jkollha dubji dwar il-kompatibbiltà taċ-CRM mas-suq intern, b'mod partikolari l-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (<sup>2</sup>);
- ir-raba' parti tal-motiv tar-rikorrenti jallega li l-Kummissjoni kellu jkollha dubji dwar l-evalwazzjoni tagħha taċ-CRM bħala konsegwenza tal-effetti tan-notifika mir-Renju Unit tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblaxxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015 L 248, p. 9).

(<sup>2</sup>) Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (ĠU 2014 C 200, p. 1)

## Rikors ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2018 – Kuota International vs EUIPO – Sintema Sport (K)

**(Kawża T-136/18)**

(2018/C 166/44)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Kuota International Corp. Ltd (il-Gżejjer Verġni Brittaniċi) (rappreżentant: C. Herissay Ducamp, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sintema Sport Srl (Albiate, l-Italja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzuża kkonċernata: it-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva K – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 11 380 771

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 3111/2014-1

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- taqta' u tiddeċiedi li dan ir-rikorrenti huwa ammissibbli;

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija qieset li r-rikorrenti ma tatx il-prova tal-*mala fide* u sa fejn qieset li l-azzjoni ġħal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea ma tistax tintlaqa';
- tannulla t-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 11 380 771 abbażi tal-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Arikolu 59(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.
- 

#### **Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2018 – Chrome Hearts vs EUIPO – Shenzhen Van St. Lonh Jewelry (Rappreżentazzjoni ta' salib)**

**(Kawża T-137/18)**

**(2018/C 166/45)**

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Chrome Hearts LLC (Hollywood, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. de Justo Bailey, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Shenzhen Van St. Lonh Jewelry Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenjuha:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenjuha kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' salib) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 845 871

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 766/2017-5

#### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO (u lill-intervenjenti, jekk hija tipparteċipa fil-proċeduri) għall-ispejjeż.

#### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Arikolu 94(1) tar-Regolament Nru 2017/1001;